MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2006

Citazzjoni Numru. 2017/2001/1

**Paul Mallia**

**vs**

**Robert Agius u b'digriet ta' l-20 ta' Novembru, 2001 giet msejjha fil-kawza s-socjeta' Melita Insurance Agency Ltd, b'digriet tal-15 ta' April, il-Kmandant tal-Forzi Armati interviena fil-kawza *in statu et terminus* u b'digriet tat-30 ta' Mejju, 2002, gie mhassar *contrario imperio* ta' digriet tal-20 ta' Novembru, 2001**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ppresentata mill-attur fit-2 ta' Lulju, 2001, li *in forza* taghha, wara li ppremetta illi:

L-attur jinsab fis-servizz militari mal-Forzi Armati ta' Malta.

Fil-21 ta’ Awissu, 2000, meta l-attur kien qieghed fis-servizz tieghu gewwa l-Lyster Barracks ta’ Hal Far huwa sofra incident serju b’dannu gravi u ta’ natura permanenti fuq il-persuna tieghu hekk kif iccertifika Mr. Victor M. Sultana MD, F.R.C.S. fir-rapport mediku tieghu hawn anness u immarkat bhala Dok. PM1.

Tali incident sehh tort unikament tal-konvenut u dana minhabba imperizja, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti *da parti* tal-istess konvenut.

Ghalkemm il-konvenut gie interpellat mill-attur sabiex huwa jersaq ghall-likwidazzjoni u eventwali hlas ta’ danni huwa baqa’ inadempjenti.

Talab lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

(1) Tiddikjara li l-attur sofra danni personali u permanenti fuq persuntu, liema incident sehh minhabba imperizja, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti *da parti* tal-konvenut;

(2) Tillikwida d-danni sofferti, okkorrendo bl-opera ta’ periti medici nominandi; u

(3) Tikkundanna l-konvenut ihallas lill-attur id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenut.

Il-konvenut minn issa ingunt *in subizzjoni*.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li *in forza* taghha eccepixxa illi:

1. Preliminarjament ic-citazzjoni bl-ismijiet fuq premessi m’ghandha l-ebda effett fil-konfront tal-konvenut *stante* li l-Avukat Generali ma giex notifikat u dan *ai termini* tal-art. 181(B)(3) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili.

2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost ghandha tigi kjamata fil-kawza Melita Insurance Agency Limited peress illi din hija s-socjeta' assiguratrici tal-vetturi Taljani wzati mill-Armata.

3. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost il-konvenut m'huwiex responsabbli ghad-danni allegatament ikkagunati lill-attur.

4. Huwa m'ghandux ibati spejjez.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-partijiet;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-20 ta' Novembru, 2001, li *in forza* tieghu laqghet it-talba tal-konvenut u ordnat il-kjamata fil-kawza tas-socjeta' Melita Insurance Agency Ltd, *a spejjez* ta' l-istess konvenut;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-15 ta' April, 2002, li *in forza* tieghu ordnat li l-Kap Kmandant tal-Forzi Armati jidhol fil-kawza *"in statu et terminus"* u li l-atti tal-kawza jirriflettu din il-bidla;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tat-30 ta' Mejju, 2002, li *in forza* tieghu, wara li rat l-artikolu 230 tal-Kap. 12, hassret *'contrario imperio'* id-digriet taghha tal-20 ta' Novembru, 2001;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-31 ta' Jannar, 2003, li *in forza* tieghu gie nominat, bhala perit mediku, *a spejjez* provizorju tal-attur, lil Mr. Charles Grixti sabiex jezamina lill-attur u jirrelata dwar l-allegata dizabilita' permanenti tieghu;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tas-6 ta' Marzu, 2003, li *in forza* tieghu irrevokat in-nomina ta' Mr. Charles Grixti bhala perit mediku u innominat lill-Mr. Carmel J. Sciberras minfloku;

Rat ir-rapport tal-imsemmi Perit Mediku, Mr. Carmel J. Sciberras, minnu ppresentat fid-9 ta' Gunju, 2003, u mahluf fit-3 ta' Novembru, 2003;

Rat in-nota tal-attur tal-1 ta' Dicembru, 2003, li *in forza* taghha rriserva l-hatra tal-periti addizzjonali dwar id-disabilita' permanenti sofferta mill-attur;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tat-3 ta' Dicembru, 2003, li *in forza* tieghu astjeniet milli tiehu konjizzjoni ta' talba tal-attur biex *"taghmel taghha rapport mediku ta' Dr. Victor Sultana ghal dak li jirrigwardja l-aspetti ta' disabilita' permanenti sofferti mill-attur"*;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tas-27 ta' Jannar, 2004, li *in forza* tieghu nnominat lil Mr. Joseph Attard, bhala perit mediku *a spejjes* provizorju tal-attur, sabiex jirrelata fuq l-allegata dizabilita' permanenti ulterjuri sofferta mill-attur;

Rat ir-rapport tal-imsemmi perit mediku, Mr. Joseph Attard, minnu ppresentat fil-31 ta' Mejju, 2004, u mahluf fl-istess jum;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat li l-attur ma baqax jinsisti fuq hatra ta' periti addizzjonali, liema talba ghandha, ghalhekk titqies irtirata;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lill-Avukati tal-partijiet;

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-attur;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi din il-kawza tikkoncerna incident li sehh f'Lyster Barracks, gewwa Hal Far, limiti ta' Birzebbuga, fil-21 ta' Awissu, 2000. L-attur huwa ngaggat bhala *gunner* mal-Forzi Armati ta' Malta, u dak inhar tal-incident hu u hames

suldati ohra gew mibghuta ghassa mal-Habs Civili ta' Kordin. L-attur u shabu marru l-armerija biex jigbru l-arma u baqghu sejrin fil-post fejn ikunu ipparkjati l-vetturi tal-armata li jintuzaw ghall-gar tas-suldati lejn id-*duties* taghhom. Hekk kif waslu fil-parkegg, l-attur 'ltaqa max-xufier li kien se jehodhom lejn il-Habs Civili u staqsieh liema kienet il-vettura li kienet se tintuza ghat-trasport taghhom. Ix-xufier, li kien il-konvenut Robert Agius, ipponta b'sebghu lejn vettura partikolari.

L-attur u shabu avvicinaw dan it-trakk halli jirkbuh; it-*truck* kien mitfi. Dan it-trakk partikolari ghandu hames b'bibien b'kollox. Wahda ghas-sewwieq u ohra ghall-passiggier ta' quddiem, tnejn ohra precisament wara dawn halli wiehed jitla' fil-vettura u jsib *bank* wiehed li joqoghdu tlett persuni fuqu, u bieb wara nett li titla' minnha u ssib erba' *seats* fuq in-naha ta' wara. Peress li l-attur kien se joqghod fuq in-naha ta' wara, dar mal-vettura halli jmur fuq wara tat-trakk halla jitla' minn dik il-bieba partikolari. Dan it-trakk kien ipparkjat b'lura ma' hajt, distanza ta' xi metru jew metru u nofs 'l boghod mill-hajt.

Meta l-attur mar wara t-trakk u ipprova jiftah il-bieba ta' wara, f'daqqa wahda hass it-trakk jirriversja ghal fuqu, b'mod li t-trakk beda jaghmel manuvri 'l quddiem u lura u jghaffeg lill-attur mal-hajt. Jirrizulta li wara li x-xufier indika lill-attur u shabu b'liema vettura kienu sejrin, huwa ddecieda li jistartja l-vettura. Il-konvenut (ix-xufier) minn barra t-trakk, dahhal idu mit-tieqa tal-bieba tat-trakk, in-naha tad-*driver*, u dawwar l-*ignition* biex iqabbad il-magna. Hekk kif il-konvenut startja t-trakk, dan f'daqqa wahda mar lura b'certa sahha u tela' l-bankina. Il-konvenut, li kien barra t-trakk, ma setax jireagixxi malajr meta sema' l-ghajjat tal-attur minn wara t-trakk, u l-attur spicca qala' diversi daqqiet bit-trakk li beda jsamru mal-hajt. L-attur sofra griehi kbar u ittiehed l-isptar. Saru fuqu diversi interventi medici, *pero'*, l-attur baqa' jsofri minn dizabilita' permanenti.

Bl-incident gie infurmat il-Magistrat Dottor Joseph Apap Bologna li nieda inkjesta. Hu hatar lil diversi esperti biex jassistuh fl-inkjesta, fosthom PC 1336 Jesmond Micallef,

biex jiehu ritratti tal-lok tal-incident, il-perit Richard Aquilina, biex jaghmel pjanta tal-post tal-incident, is-Sur Joseph Zammit, biex jezamina l-istat tal-vettura involuta fl-incident, u l-Avukat Dottor Joseph Micallef Stafrace, bhala espert tat-traffiku, biex jirrelata dwar ic-cirkustanzi tal-kaz. Il-perit legali, Dr. Joseph Micallef Stafrace, ikkonkluda li ghall-incident jahti x-xufier, il-konvenut Agius li saq il-vettura *in kwistjoni* b'manjura traskurata.

Mill-atti processwali f'din il-kawza, il-Qorti taqbel li l-incident sehh konsegwenza ta' nuqqas ta' attenzjoni u diligenza *da parti* tal-konvenut, li mhux biss startja l-vettura minn barra, izda wkoll startjaha minghajr ma ccekkja jekk il-karozza kienetx *on gear* jew le. Huwa ovvju li meta vettura tinstaq minn diversi persuni, dak li jkun se jsuq il-karozza ghandu, qabel ma jixhel il-magna, jidhol fil-vettura, jissettja s-*seat* u r-*rear-view mirror* ghall-kondizzjoni tieghu, u jiccekkja l-posizzjoni tal-*handbreak* u tal-*gear leaver*. Jekk jirrealizza li l-karozza tkun *on gear* u bil-*handbreak* mhux *on*, ghandu l-ewwel jtella' l-*handbreak*, ipoggu l-*gear* f'posizzjoni ta' *free*, u wara dan, u wara dan biss, jittenta jistartja l-karozza. Il-konvenut m'ghamel xejn minn dan. Dahal fil-vettura u xeghel l-*ignition*, izda meta ra lid-dawl ma xeghelx, rega nizzel minn fuq it-trakk, xeghel il-*main switch*, u waqt li kien ghadu barra, dahhal idu mit-tieqa u startja l-vettura. Waqt dan kollu, avvolja kien jaf li kien hemm xi suldati li kienu qed jahsbu biex jitilghu fuq it-trakk, ma tax kax dawn fejn kienu u lanqas biss ivverifika jekk dawn kienux jew le fil-vicinanzi tal-vettura. *Inoltre*, hu ma ccekkjax l-istat tal-*gear* tal-vettura, u peress li din kienet *"on reverse gear"* u l-*handbrake* kien *"disengaged"*, meta startja l-vettura, din imxiet lura b'sahha, telghet bankina u ghalqet lill-attur mal-hajt.

Hu veru li, lill-*gunner* Anthony Gatt, li kien se jirkeb minn quddiem, il-konvenut qallu biex jistenna qabel ma jirkeb sakemm iressaq il-karozza 'l quddiem, *pero'*, ma vverifikax x'kienet is-sitwazzjoni tas-suldati l-ohra. Hu kien jaf li xi hadd kellu jirkeb minn wara, izda qabel ma startja l-karozza ma ccekkjax kienx hemm xi hadd wara u jekk dan kienx jaf li hu kien se jistartja l-karozza. Lill-

*gunner* Gatt qallu biex jistenna, ghax dan rah quddiemu u rrimarkalu li kien se jirkeb, izda avvoja kien jaf li kellu jkun hemm hames suldati ohra madwar it-trakk, ma qies dawn fejn kienu qabel ma startja, u lanqas ma qies jekk il-vettura kienetx *safe* jew le biex tigi startjata.

*Kwindi*, l-Qorti tikkonkludi li ghall-incident *in kwistjoni*, jahti unikament il-konvenut.

Ghar-rigward tad-danni, jirrizulta li l-attur kellu 32 sena meta sehh l-incident, li ghandu jwassal ghall-figura ta’ 23 bhala multiplier (ara l-insenjament tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza <u>“Caruana vs Camilleri”</u> deciza fis-27 ta’ Frar, 2004). Jirrizulta wkoll li hu gie certifikat li jbati minn 6% dizabilita’ minn Mr. Carmel J. Sciberras, u 14% dizabilita’ minn Mr. Joseph Attard. Jigi rilevat li c-certifikat ta’ Mr. Sciberras kien jeskludi l-problemi li huma derivanti mil-milsa nieqsa u mid-demm ma’ l-ippurgar, peress illi hu ma huwiex *general surgeon*, u ghal dawn il-materji, irrelata l-espert mediku l-iehor nominat mill-Qorti, Mr. Joseph Attard. Meta, *pero’*, tigi biex tkun komposta d-dizabilita’ totali, din id-dizabilita’ trid tigi kunsidrata *in relazzjoni* ghal persuna bhala entita fizika wahda, minghajr ma jigi prezunt li multiplicita’ ta’ feriti jigu komputati komplessivament biex jirriflettu l-percentagg reali tad-dizabilita’ li wiehed ikun sofra minnhom. Altrimenti wiehed jista’ jasal ghall-konkluzzjoni assurda illi f’xi cirkostanzi jista’ jkollok diversi percentaggi ta’ disabilita’ li mehudin wahedhom u minghajr korrispondenza wiehed mal-iehor imorru oltre l-100%. Jew *invoice* illi diversi dizabilitajiet zghar wahedhom mehudin singularment u maghdudin flimkien juru stat ta’ dizabilita’ gravissima fuq il-karta, meta ma tkunx daqshekk gravi fir-realta’.

Fil-kaz <u>“Caruana vs Camilleri”</u>, deciza minn din il-Qorti fil-5 ta’ Ottubru, 1993, il-Qorti titkellem dwar *“weighted average”*, u rriferit ukoll ghas-sentenza *“Butler vs Heard”* fejn intqal li *“dak li jrid jigi stabbilit ma huwiex il-grad ta’ inkapacita’ f’sens purament mediku, izda l-effett illi l-hsara personali ghandha fuq il-qliegh tad-danneggjat”*.

Mehud *in konsiderazzjoni* l-griehi li ghadu jbati minnhom l-attur, il-Qorti tqies li grad ta’ dizabilita’ ta’ 18% ikun wiehed gust mehud *in konsiderazzjoni* d-difikultajiet fizici li sejjer ibati minnhom l-attur.

Dwar id-dhul tal-attur, dan ma jidhirx li huwa wisq izjed mill-*minimum wage*. Ma jirrizultax x’inhu l-livell ta’ edukazzjoni tal-attur (ghalkemm tidher li hi wahda baxxa), u *kwindi* ma tistax issir previzzjoni cara dwar x’possibilitajiet ghandu l-attur li javvanza fil-karriera tieghu, jew li jsib xi xoghol iehor alternattiv aktar remunerattiv. Minn naha l-ohra, la tista’ tigi eskluza l-possibilita’ li l-paga tal-attur tizdied maz-zmien, u lanqas li l-attur javvanza fil-karriera tieghu b’rizultat tal-*performance* tieghu bhala suldat. Ghalhekk, il-Qorti sejra tahdem fuq qliegh annwali ta’ Lm5,500, li minnha m’ghandu jsir ebda tnaqqis, la minhabba t-taxxa fuq id-dhul (ara “Muscat vs Schembri”, decisa minn din il-Qorti fis-27 ta’ Jannar, 1972), u lanqas minhabba l-hlasijiet tal-PAYE jew il-kontribuzzjonijiet tas-sigurta’ nazzjonali (ara “Caruana vs Farrugia”, deciza minn din il-Qorti fit-23 ta’ Novembru, 1983).

B’hekk, id-danni li ghalihom l-attur irid jigi kkumpensat ghandhom jigu kkalkulati hekk:

Lm5,500 x 23 x 18% = Lm22,770

Peress li dan l-incident sehh f’Awissu tal-2000, il-Qorti sejra tnaqqas 18% minhabba li l-hlass qed issir bhala *lump sum*. B’hekk il-kumpens dovut lill-attur jammonta ghall-Lm18,672.

Jirrizulta, *pero’*, li l-attur, minhabba l-incident u l-griehi li sofra, gie *discharged on medical grounds*, u *oltre* l-pensjoni tas-servizz, qed jiehu wkoll pensjoni specjali ta’ Lm574 fis-sena, liema pensjoni tinghata lil dawk il-membri li jweggghu waqt fuq is-servizz. Fil-fehma tal-Qorti, dan huwa kumpens direttament relatat mal-hsara, u la l-attur qed jiehu dan il-beneficcju, m’ghandux jiehu l-kumpens likwidat shieh, imma dan ghandu jonqos bil-valur ta’ kumpens li qed jiehu konsegwenza diretta tal-incident *in kwistjoni*. L-Onorabbli Qorti tal-Appell, fil-kawza “Eder vs

Bajada", decisa fid-29 ta' Marzu, 1985, kienet osservat li l-kumpens li l-vittma kien ha minghand kumpanija assikuratrici privata (il-BUPA) kellu jitnaqqas mill-ammont ta' danni likwidat, fis-sens li dak li kkupra minn dik id-ditta assikuratrici, ma jistghux jingabru wkoll minghand il-persuna responsabbli ghall-hsarat. Hawn wkoll, parti mit-telf li sofra bhala *lucrum cessans*, qed jinghata lilu direttament mill-Forzi Armati ta' Malta bhala *special pension*, u l-valur ta' din il-pensjoni trid, ghalhekk, tonqos mis-somma likwidata (ara wkoll "Mamo vs Micallef", decisa mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-20 ta' Marzu, 1989, fejn ukoll tnaqqset il-pensjoni li ha l-attur).

Fuq medda ta' 23 sena (il-multiplier adattat minn din il-Qorti), l-attur se jiehu pensjoni specjali ta' Lm13,202 li qed tigi ridotta ghall-Lm12,600, peress li l-attur mhux se jiehu din il-pensjoni f'daqqa. Jekk wiehed inaqqas din is-somma mis-somma likwidata, jigi li l-kumpens dovut lill-attur ghandu jkun ta' Lm6,072.

L-attur qed jirreklama wkoll is-somma ta' Lm169, bhala spejjez medicinali u tobba. Din is-somma giet ippruvata u sostnuta u, *kwindi*, ghandha tinghata lura lill-attur.

Ghar-rigward ta' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, ghandu jinghad li din il-kawza ma saretx kontra l-Gvern, u *kwindi* l-artikolu 181B(3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta mhux applikabbli ghall-kaz. Il-kawza saret kontra persuna fizika fil-kwalita' taghha personali, u l-fatt li l-Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta ghogbu jintervjeni fil-process, ma jaghmilx il-kawza *"kontra l-Gvern"* li tinnecesita' notifika tal-att tac-citazzjoni lill-Avukat Generali tar-Repubblika. *Kwindi,* dik l-ewwel eccezzjoni qed tigi michuda.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza, billi previa li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut tilqa' t-talbiet tal-attur, tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident li sehh fil-21 ta' Awissu, 2000, u li fih wegga' l-attur, u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' Lm6,241 (sitt elef, mitejn u wiehed u erbghin liri Maltin) *in linea* ta' danni, bl-imghax legali millum sal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu kollha mill-konvenut, b'dan li l-ispejjez inkorsi mill-intervent fil-kawza, il-Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta, ghandhom ikunu sopportati minnu stess.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------